MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 43/2002/1

**Pawlu u Carmen konjugi Buttigieg**

**u**

**Anton u Maryanne konjugi Mercieca**

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-12 ta' April 2002, fejn intqal:

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' fond li fit-terran tieghu hemm garaxx fi Triq il-Virgi, Qala imnejn l-attur jiggestixxi s-sengha tieghu ta' mastrudaxxa; filwaqt illi l-konvenuti huma l-proprjetarji tal-fond li jmiss mal-fond tal-atturi min-naha tat-Tramuntana;

Illi l-hajt ta' l-appogg ta' bejn iz-zewg proprjetajiet huwa mibni b'saffejn. Bejn dawn is-saffejn qieghed jidhol

ammont konsiderevoli ta’ ilma tax-xita u jikkawza Danni lill-atturi;

Illi dan qieghed isehh billi l-konvenuti qed jissoktaw bil-bini taghhom u billi sar is-saqaf tal-konkos imwassal sal-vojt ta’ bejn il-hitan, l-ilma minn fuq il-bejt ta’ Mercieca li huwa mxaqleb lejn il-hajt ta’ Buttigieg, ezattament fejn nifed l-ilma, nizel u spicca fil-garaxx ta’ taht;

Illi din il-problema mhux l-ewwel darba li nqalghet, billi meta Mercieca kompla bil-bini, dan kien qala’ l-membrane li Buttigieg kienu ghamlu mal-opramorta u ma regax poggiha kif jixraq, u ghalhekk l-atturi kellhom jergghu ipogguha huma;

Illi kawza ta’ dan l-agir, l-atturi sofrew Danni konsistenti fi hsarat fil-hajt, thassir ta’ sandpapers, hsara f’xoghol mahdum, drittijiet tal-avukat u tal-perit kif ukoll telf ta’ hin u xoghol, li sakemm qieghed jigi intavolat dan l-avviz jammontaw ghas-somma ta’ mitejn u erbgha u ghoxrin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm224.32);

Illi di piu’ l-atturi hallew vireg hergin mill-fond taghhom biex jigu utilizzati mill-konvenuti, tal-valur ta’ erbghin lira maltija (Lm40.00);

Ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta’ mitejn u erbgha u sittin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm264.32) bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-11 ta’ Mejju, 2001, 22 ta’ Awissu, 2001, 10 ta’ Ottubru, 2001, u tal-25 ta’ Frar, 2002.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-6 ta’ Mejju, 2002, fejn intqal:

Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi;

Illi jekk inhu minnu illi l-atturi sofrew xi hsara din certament hija konsegwenza ta’ nuqqasijiet da parti ta’ l-atturi li kkostruwew il-hajt taghhom b’mod illi l-ilma jiskula ghal gol-hajt divizorju.  Difatti l-atturi kienu sahansitra ghamlu

toqba fil-hajt divizorju sabiex l-ilma tal-bejt jipperkola mill-hajt divizorju ghal gol-proprjeta' tal-konvenuti;

Illi l-atturi ippretendew ukoll illi jzommu lill-esponenti milli jibnu u jghollu l-hajt divizorju u sahansitra ghamlu membrane f'nofs il-wisgha tal-hajt divizorju;

Illi l-hsara fil-proprjeta' ta' l-atturi hija wkoll konsegwenza tal-fatt illi huma f'certu livell bidlu il-hxuna tal-gebel tal-kantun li bihom kien qed jinbena l-hajt divizorju sabiex iggwadanjaw il-wisgha u b'hekk ghalqu l-vojt bejn saff u iehor tal-hajt divizorju;

Illi dak li jirrigwarda l-valur tal-vireg imsemmija fic-citazzjoni dan huwa kkontestat u safejn jirrizulta lill-esponenti gja kkomputat fil-valur tal-kumpens ghall-appogg;

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u jigu kkundannati jhallsu wkoll l-ispejjez ta' din il-procedura.

Semgha x-xhieda ta' Pawlu Buttigieg, Perit Joseph Dimech, Perit Salvu Micallef, Mary Anne Mercieca, Anton Mercieca, Mario Camilleri, Emmanuel Mercieca. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz qed isir ghall-hlas tad-danni allegatament kagunati lill-attur meta dahallu l-ilma mill-hajt ta' l-appogg. L-attur fil-garaxx tieghu jiggestixxi s-sengha ta' mastrudaxxa.

2. Skond l-attur meta l-konvenuti kienu qed isaqqfu dahal l-ilma fil-fond tieghu. Certu Mario Camilleri, wiehed mill-haddiema, kien ra l-ilma diehel minn bejn il-qatran. Skond l-attur il-konvenut kien ser isaqqaf bil-planki, u kien hemm ftehim li meta dan isaqqaf jaghmel "drain" bejn il-planki, haga li ma saritx.

3. Jirrizulta li l-attur kien kellem lill-Perit Micallef, u sussegwentement lill-Perit Dimech.

4. Jirrizulta li originarjament kien hemm pipe li kien jitfa l-ilma ghal go l-ghalqa tal-konvenut. Il-konvenut kien oggezzjona ghal dan, u l-pipe inghalaq.
5. Il-Perit Joe Dimech jikkonferma li l-ilma kien jidhol mill-hajt divizorju, u dana kif jikkonferma fir-rapport esebit Dok.JC1. Innota in partikolari l-Perit li s-saqaf tal-konkos kien jispicca fuq il-fil ta' bejn kantun u iehor tal-hajt divizorju. Inoltre iz-zewg hitan ta' l-appogg huma singoli. Il-Perit eskluda li seta' dahal ilma minn fuq il-bejt ta' l-attur, u dana minhabba kif kienet il-membrane;
6. Mario Camilleri li hadem fuq il-post jghid li: "Il-hajt ta' bejniethom kien hemm naqra vojt bejniethom, u il-konkos ta' Buttigieg kien imqabbes ghal go ta' Mercieca." Skond ix-xhud, kien hemm pajpijiet sabiex l-ilma mill-bejt ta' l-atturi imur ghal fuq il-bejt tal-konvenuti. Jikkonferma li dawn il-pajpijiet inghalqu, u dana sabiex isir il-bini. Jghid li meta inqalghu l-pajpijiet l-ilma beda jidhol gol-hajt u jibqa niezel. Dawn il-pajpijiet inqalghu sabiex isir bini fuq il-bejt ta' Mercieca. L-istess hu konfermat mix-xhud Emanuel Mercieca li kien il-bennej li qala' il-pajpijiet;
7. Inoltre il-konvenut jghid li meta sar il-bini originarjament il-hajt kellu jkun dobblu bi spazju ta' pulzier li kellha tkun fuq il-linja divizorja.
8. Il-Perit Micallef jghid li l-hajt huwa dobblu, pero' filwaqt li tan-naha ta' l-attur kien b'kantuni tas-sebgha pulzieri, tal-konvenut kien b'tad-disa' pulzieri. Jiftakar li kien hemm xi ftit vojt bejn il-hitan rispettivi.
9. Mill-provi jirrizulta li sakemm ma kienx ghadu bena l-konvenut l-attur ma kellux problemi. Jirrizulta pruvat li l-problema inholqot meta bena l-konvenut, meta tnehhew il-pajpijiet. Minhabba il-qlib, u minhabba l-ispazju vojt li kien hemm bejn il-hitan, l-ilma ghadda ghal fuq il-bejt tal-konvenut ghal go dan l-ispazju vojt u b'hekk nizel ghal gol-garaxx ta' l-attur.
10. Id-danni kagunati huma evidenti, u dana kif jirrizulta mill-provi u mill-prospett Dok.PB1, u it-Tribunal qed jaccetta li jigu inkluzi maghhom l-ispejjez tal-Perit Dimech. Dwar il-vireg jigi rilevat li t-Tribunal qed jaccetta li dawn kienu gew komputati meta thallas l-appogg u ghalhekk ghandu jitnaqqas l-ammont ta' erbghin lira fir-rigward. Ghalhekk id-danni jammontaw ghal mitejn u

erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm224.32), u mhux ghall-ammont mitlub ta' mitejn erbgha u sittin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm264.32).

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm224.32), u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm224.32), bl-imghaxijiet dekorribbli mil-lum.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------